MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Numru 239/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Morgan Azzopardi**
v

**LAWRENCE GRECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **LAWRENCE GRECH** ta' hamsa w erbghin sena bin il-mejjet Paul u l-mejta Stella nee Massa, imwieled Haz Zabbr nhar l-erbgha ta' Frar 1957 u residenti 108, Triq il-Karmnu, Haz Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 114757M gie mressaq quddiemha akkuzat talli bejn Novembru 2000 u April 2002 gewwa Haz Zabbar, voluntarjament hassar, ghamel hasara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe f'kamra ezistenti u hitan tas-sejjieh ta' ghalqa fl-inhawi maghrufa bhala ta' "L-Gharar tas-Salib", liema ammont ta'

hsara huwa izjed minn hames mitt lira maltin ghad-detriment ta' Paul Grech minn Hal Tarxien, Joseph Grech minn Haz Zabbar, Emanuela Mifsud minn Haz Zabbar, Mary Grace Bonnici minn Haz Zabbar u Elizabeth Buhagiar minn Hal Tarxien.
Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' Frar 2003 esibit fl-atti a fol sitta markat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattata u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-esami li sarlu nhar s-sitta ta' Mejju 2003 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, lix-xhieda tad-Difiza u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin ta' Gunju 2004.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sitta ta' Mejju 2003 **xehed l-Ispettur Morgan Azzopardi** kif jirrizulta a fol 8 et seq tal-atti meta spjiega li nhar t-tnejn u ghoxrin ta' April 2002, maru jkellmuh l-ahwa Grech, hut l-imputat, u talbuh jiehu passi kontra l-imputat odjern peress li stqarrew li ghamel xi hsarat go ghalqa sitwata fl-inhawi maghrufa Tal-Gholja tas-Salib gewwa Haz Zabbar liema hsara fil-fehma taghhom, kienet teccedi l-hames mitt lira maltin. Spjegawlu li l-ghalqa in kwistjoni hija proprjeta komuni ndiviza tal-ahwa kollha peress li wirtuha minghand ommhom. Huma ghaddewlu stima mahruga mill-Perit James Farrugia li tinsab esibita a fol 12 tal-atti markata bhala dokument SM liema dokument jindika li l-hsarat sofferti mill-ahwa Grech jammontaw ghal

elfejn u tlett mitt lira maltin. Hu esibixxa wkoll sett ta' ritratti li gew mghoddija lilu minn Paul Grech lli jindikaw d-diversi hsarat, liema ritratti jinsab esibiti f'envelopp kannella li hu mmarkat bhala dokument SM 2li jinsab esibit fl-atti a fol 23.

Ghalhekk, a bazi ta' dan r-rapport huwa beda jinvestiga l-kaz u kelllem fost xhieda ohra lil Emanuel Buhagiar. **Emanuel Buhagiar qallu** li huwa ghandu ghalqa biswit dik tal-familja Grech u kemm il-darba ra lil ahwa Grech jtellghu l-hitan u f'zewg okkazzjonijiet ra lil imputat odjern jwaqqa dan l-istess hajt. Qal wkoll li l-imputat qallu "jien imwaqqa u huti jibnu."

**Edmond Muscat qallu** wkoll li l-imputat ried jbaxxi c-cint divizorju li kien hemm bejn il-proprjeta tieghu u dik okkupata mill-imputat u cioe proprjeta tal-familja Grech. Huwa kellem wkoll lil imputat u dan cahad li qatt ghamel xi hsara fil-kamra rurali li hemm fl-ghalqa mertu ta' din il-kawza. Qallu li kien baxxa c-cint u hutu ghollewh.

Illi nhar s-sitta ta' Mejju 2003 **xehed Paul Grech** kif jirrizulta a fol 29 et seq tal-atti fejn qal li huwa jigi hu l-imputat u ghandu erbgha ahwa ohra. Huwa qal li minn sentejn l'hawn huwa beda jinnota hsarat fl-ghalqa fis-sens li kien hemm tkissir. Darba minnhom huwa kien niezel bil-mixi u l-imputat kien bil-vann. Huwa kien qed jipprova jtellgha l-hajt waqt li l-imputat kien qed jaqleb il-hitan. Dakinhar ix-xhud qal li l-imputat kien armat bis-senter u peress li kien qed jitkellem mieghu b'ton mhux xieraq huwa ghamel rapport l-Ghassa biss fuq il-kliem mhux xieraq u **mhux** fuq il-hsara li kien qed jaghmel. Dakinhar qallu li l-ghalqa saret tieghu u li huwa kellu jhalli kollox kif kien isibu. Huwa wiegbu li l-ghalqa kienet bejn sitta, waqt li l-imputat qallu li "*peccato ma dhaltx b'gaffa u knist kull ma kien hemm.*" Rah jwaqqa l-hitan u l-kamrin billi beda jzarmha mill-kantuniera ta' fuq filwaqt li qallu li kien kapaci jtellgha is-saqaf bil-konkos. Huwa spjiega li l-ghalqa hija proprjeta tal-ahwa kollha fosthom tieghu stess kif wkoll tal-imputat. Huwa spjiega l-hsara li ra lil imputat jaghmel billi jghid li l-imputat garraf xi hitan tas-sejjieh, l-ghorfa u qaccat xi sigar u ghamel hruq fuqhom. Huwa kkonferma

l-hsarat fir-ritratti esibiti mill-Ispettur Morgan Azzopardi fix-xhieda markata bhala dokument SM 2.

Illi nhar l-erbatax ta' Ottubru 2003 **Paul Grech esibixxa** sebgha ritratti go envelopp kannella li gie mmarkat bhala dokument CSH 12 li jindikaw l-hsarat fl-ghalqa in kwistjoni.

Illli nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 ix-xhud **Paul Grech reggha ta d-deposizzjoni tieghu** u spjiega li dakinhar l-ghalqa in kwistjoni kienet tinsab ghal bejgh in subbasta. Spjiega li l-imputat kien bena xi kmamar fl-ghalqa billi ha l-gebel minn fuq ic-cnut u uzahom ghal dawn il-kmamar u dan minghajr permess jew approvazzjoni tal-ahwa. Spjiega li fil-fehma tieghu l-imputat ma kienx jiehu hsieb r-raba. Illi meta ra hekk, hu flimkien ma hutu kienu jmorru u jergghu jhottu l-kmamar u jpoggu l-istess gebel fuq il-boundary walls fl-istess post minn fejn originarjament itttiehdu il-gebel.

Illi nhar l-erbatax ta' Ottubru 2003 **xehed Joseph Grech** kif jirrizulta a fol 60 et seq tal-atti fejn qal li huwa wiehed mis-sidien tal-ghalqa maghrufa "Tal Kurcifiss". Huwa qal li ra lil imputat huh jaghmel hsara f'din l-ghalqa fis-sitta ta' Jannar 2001 fil-presenza ta' ibnu stess. Mistoqsi x'tip ta' hsara rah jikkaguna ix-xhud wiegeb li rah jhott hajt tas-sejjieh u jaghlaq passagg.

Illi nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Lulju 2003 **xehed Edmond Muscat** kif jirrizulta a fol 54 tal-atti fejn qal li l-imputat waqqalu cint li hemm bejn il-proprjeta tieghu u dik uzata minnu, ghalkemm kien wasal f'arrangament mieghu li kellu jerga jtellghu dan il-hajt. Apparti dan c-cint jghid li ma rah jwaqqa ebda cint iehor.

Illi nhar l-erbatax ta' Ottubru 2003 **xehdet Elizabeth Buhagiar** kif jirrizulta a fol 62 tal-atti fejn spjiegat li hija ghandha ghalqa ma gemb l-ghalqa tal-imputat. Mistoqsija jekk qattx rat lil imputat jaghmel hsara fl-ghalqa, hija wiegbet fin-negattiv u ziedet tghid li qatt ma ratu jaghmel xoghol strutturali fl-ghalqa. Darba minnhom tiftakar li ghaddiet minn dawk l-ekwati, u rat hajt imwaqqa u meta

qaltlu biex ma jwaqqax hitan huwa wiegeb li ma kien hu li waqqghu. Pero ziedet tghid li huwa qalilha "*ahna hekk sejrin, gieli inwaqqgha jien u gieli nibni jien.*" [vide fol 65 tal-atti odjerni]

Illi nhar t-tnax ta' Jannr 2004, fuq talba tal-imputat, i**l-Qorti nnominat** espert u cioe **lil Perit Valerio Schembri** sabiex jzomm access fil-presenza tal-imputat u wara li jisma lil Ispettur bil-gurament dwar l-allegat hsarat kagjonati mill-imputat, jirrelata dwarhom.

Illi nhar l-hamsa ta' April 2004 **deher il-Perit Valerio Schembri** kif jirrizulta a fol 81 tal-atti u ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument VS. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li mill-kostatazzjonjiet li saru mill-istess perit tekniku fuq il-post metru ta' din il-kawza sabiex tissewwa l-hsara elenkata waqt l-access, jinhtieg li tintefaq s-somma ta' cirka elf sebgha mija u hamsin lira maltin, liema hsara hija deskritta fl-istess relazzjoni tieghu esibita a fol 83 tal-atti odjerni.

Illi l-Prosekuzzjoni esibit wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 li tinsab inserita fl-atti a fol 24 markata bhala dokument SM 3.

Minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizultaw is-segwenti:

1. li l-art mertu tal-kawza kienet originarjament ta' omm l-imputat u li hija proprjeta tal-ahwa kollha b'wirt;
2. illi huwa ammetta li kien bena xi duri fl-ghalqa sabiex jikkaccja fihom minghajr permess ta' hadd;
3. illi f'xi okkazzjoni kien isib l-entratura ghad-duri tieghu imbarrata minn terzi injoti u hu kien jnehhi l-ingombru billi jnehhi l-gebel li allegatament kien isib;
4. f'okkazzjoni ohra jghid li kulll darba li kien jiftah cint, wara xi hadd kien jghalaqulu u jpoggilu l-gebel, zkuk hziena u pal tal-bajtar tax-xewk u hu kien inehhihom.
5. Illi huwa kien jwaqqa dik il-parti tac-cint li terzi kienu jgholli u dan bl-iskop li jghaddi.

Illi nhar t-tmienja ta' Gunju 2004 **xehed l-imputat** minn jeddu b'mod voluntarju kif jirrizulta a fol 107 et seq tal-atti fejn qal li huwa kien originarjament talab permess lil ommu sabiex jikkaccja fl-ghalqa mertu tal-kawza u fil-fattt kien inghata tali permess u kien imur hemm ta' sikwit. Jghid li kien jiehu hsieb l-ghalqa in kwistjoni billi rranga dura antika li kien hemm, jaqta l-kaxix hazin, jizbor is-sigar u bena xi dura ohra. Qal li bejn s-snin 2000 u 2002 hutu ghamlu divesi hsarat fl-ghalqa kif muri fir-riratti esibiti minnu waqt ix-xhieda li ta. Huwa cahad li ghamel xi hsarat fl-ghalqa in kwistjoni.

Illi l-imputat m'ghamel ebda referenza ghar-rapport tal-perit tekniku u ghalkemm il-Qorti ma hiex marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha, f'kaz li ma jirrizultax l-oppost ghal dak li ntqal minn provi ohra l-Qorti ghandha taccettah u dan ghaliex tali rapport mhwiex semplici opinjoni izda jikkostitwixxi prova ta' fatt specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici, kif inhu f'dan il-kaz.

Illi l-imputat fl-ebda hin ma jaghmel referenza ghal dan r-rapport la fix-xhieda tighu u lanqas waqt it-trattazzjoni tad-Difiza u ghalhekk dak kollu li qal il-perit dwar il-kwantum tal-hsarat ma jidhirx li huwa kontestat.

L-imputat jikkontesta biss l-fatti allegati lilu li kien hu li ghamel l-hsarat.

Illi mill-provi prodotta u cioe mix-xhieda tal-imputat stess jirizulta li l-imputat qabad u agixxa fl-ghalqa proprjeta tal-ahwa *a sua sponte* minghajr l-awtorizzazzjoni jew approvazzjoni taghhom. Ma jirrizultax li qatt ha xi passi kontra hutu ghal xi rregolaritajiet allegatament kommessi minnhom, u kien biss waqt li kien qed jiddeponi li insinwa li hutu kienu naqsu fil-konfront tieghu.

Illi zgur mhux kontestat lanqas mill-imputat li hu bena dura minghajr permess u hatt xi cnut kienet x'kienet r-raguni u dan fid-dawl tal-perit tekniku jammontaw ghal hsarat u fil-fehma tal-Qorti, voluntarjament. Illi d-Difiza donnha ndikat

fit-trattazzjoni taghha li l-imputat ma jistax jinstab hati ghaliex huwa ko-proprjetarju u ghalkemm setgha kkaguna l-hsara, dan ghamlu ghad-dannu tieghu stess.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Settembru 2000*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Magri** fejn dik il-Qorti gustament qalet li meta proprjeta tkun mizmuma in komuni, wiehed mill-ko-proprjetarji jista jinstab hati skond l-artikolu 325 tal-Kap 9 jekk hu fil-fatt ikun ikkaguna hsara f'dik il-proprjeta.

L-awtur Taljan **Manzini** fil-ktieb tieghu ***Trattato di Diritto Penale Italiano*** [Vol IX - para 3339 - pg 559 jghid:

*"Se si tratta di cosa comune, puo aversi danneggiamento punibile da parte del comproprietario, socio o coerede [bhal ma hu f'dan il-kaz] sempre quandosi tratti di cosa infungibile, e, rispetto alle cose fungibili, allorche appartenga alla societa', e non ai singoli soci ovvero negli altri cosi di comunione quando l'agente abbia danneggiato anche una quota a lui non spettante. Il proprietario puo commettere il delitto di danneggiamento in ogni altro caso in cui, danneggiando la cosa propria, rechi danno anche allo cosa altrui. Ma e' necessario che sia dannaggiata la cosa altrui, e non soltanto un mero diritto che ad altri possa spettare sulla cosa del proprietario."*

Fil-fatt anke fil-***Cassazione Italiano*** [Cass 10/01/1936 in Giust. Pen. 1936, 11,100

*"E' punibile il danneggiamento di cose comune, perche' in tal caso il danneggiamento della cosa propria e' mezzo per danneggiare altrui."*

Il-oltre, il-Qorti ssostni li ai fini ta' dan ir-reat, mhux neccessarju li ssir il-prova ta' min effettivament sofra d-danni. Izda li huwa essenzjali hu li jigi ppruvat, bhal ma gie ppurvat f'dan il-kaz, li l-imputat ikkaguna dawk il-hsarat b'mod voluntarju.

Ai fini ta' piena, il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li hija nadifa minghajr ebda tegbha ta' kontravenzjoni jew reat u li ghalhekk ghandu jigi meqjus bhala *a first time offender*.

Rat li l-kwistjoni llum kwasi tinsab rizolta peress li l-proprjeta mertu ta' din il-kawza tinsab ghal bejgh bis-subbasta.

Rat li l-kwistjoni hija wahda bejn l-ahwa u ghalhekk familjari u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' multa.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li ssib lil imputat LAWRENCE GRECH hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira maltin.**

**Tordna wkoll lil hati LAWRENCE GRECH li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jhedditx lil hutu ghal perjodu ta' sena taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas ai termini tal-artikou 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------